MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 545/2004

**Bonagel Co. Ltd. (C 16990)**

**vs**

**Pesca Azzurra Ltd. (C 21347)**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fl-14 ta' Ottubru, 2004 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, disa' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm3,925.89) rapprezentanti bilanc ta' merca mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici oltre l-imghaxijiet kummercjali mill-31 ta' Dicembru, 2002.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 3 ta' Mejju, 1999 u bl-imghax kummercjali mill-31 ta' Dicembru, 2002, data ta' l-ahhar pagament, sad-data ta' l-

effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi, t-talba attrici hija infondata stante li l-ammont reklamat m’huwiex attwalment dovut.
2. Illi, minghajr pregudizzju, fi kwalunkwe kaz l-attur ghandu jipprova l-kreditu tieghu.
3. Illi, wkoll minghajr pregudizzju, l-ammont reklamat mill-attur huwa wiehed eccessiv.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Novembru, 2005 fejn il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza wara nuqqas ta’ dehra tar-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, minkejja li l-kawza kienet differita ghall-provi taghha;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li s-socjeta’ attrici qeda fin-negozju tal-hut u kien hemm relazzjoni kummercjali bejn iz-zewg socjetajiet. Jidher li s-socjeta’ konvenuta kienet qeda taghmel il-pagamenti regolari pero’ zmien minnhom waqghet lura. Irrikonoxxiet illi ghandha taghti flus lis-socjeta’ attrici u biex taghmel tajjeb ghal dan, minhabba nuqqas ta’ likwidita’, kkonsenjat *van, band saw* u *vacum machine*. Pero’ xorta baqa’ bilanc ta’ tlett elef, disa’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm3,925.89) favur is-socjeta’ attrici.

Carmel Brincat, direttur tas-socjeta’ attrici, pprezenta *statement* u ta rendikont car ta’ kif wasal ghall-bilanc mitlub. F’dan ir-rendikont jidhru l-flus li s-socjeta’ attrici dahhlet mill-*van*, mill-*band saw* u mill-*vacum machine*.

Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta qatt ma deher biex jaghti x-xhieda tieghu lanqas meta l-kawza kienet imholliha ghalhekk.

Il-Qorti, f'dawn ic-cirkostanzi, ma tara l-ebda raguni l-ghala m'ghandhiex toqghod fuq ix-xhieda ta' Carmel Brincat, aktar u aktar meta hija korroborata b'dokument fuq imsemmi. Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi ghandha tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha s-somma ta' tlett elef, disa' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm3,925.89) rapprezentanti bilanc ta' merca lilha mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz ghas-smiegh kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------